MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 156/2010

**Joseph Mary Farrell**
**(I.D. 181158M)**

***kontra***

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq**
**il-Valur Mizjud**

**Il- Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat ta` Joseph Mary Farrellipprezentat fit-18 ta` Frar 2010 li jaqra hekk –

*1. Illi r-rikorrent gie innotifikat b`zewg ittri ufficjali pprezentati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud it-tnejn datati 17 ta` Novembru 2009 (kopji annessi bhala Dokument A u B rispettivament) fejn gie interpellat sabiex ihallas is-somma ta` tnejn u tletin elf mitejn u disgha u erbghin Ewro u sittax-il centezmu (€32,249.16) u sbatax-il elf mitejn u tmienja u sebghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€17,278.43) rispettivament dovuti bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*2. Illi l-interpellanza li saret bl-ittri ufficjali surriferiti saret ukoll sabiex jigu rezi ezegwibbli titoli ezekuttivi li l-intimat qieghed jivvanta illi ghandu ;*

*3. Illi r-rikorrent qieghed joggezzjona ghall-kontenut ta` l-imsemmija ittri ufficjali u wisq aktar ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttivi li qieghed jivvanta li ghandu l-intimat peress li l-ammonti mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud mhumiex in effetti dovuti ;*

*4. Illi ghalhekk ir-rikorrent qed iressaq din il-kawza halli jattakka t-titolu ezekuttiv ottenut mill-Kummissarju intimat fil-konfront tieghu ;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk li se jingiebu waqt is-smigh ta` dan ir-rikors u salv kull provvediment jew dikjarazzjoni ohra li joghgobha taghti din il-Qorti fic-cirkostanzi, ir-rikorrent qieghed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

*1. Tiddikjara illi s-somom mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-ittri ufficjali tieghu tas-17 ta` Novembru mhumiex dovuti mir-rikorrent ;*

*2. Tiddikjara ghalhekk u per konsegwenza illi l-intimat m`ghandux titolu ezekuttiv ghall-ammonti minnu rreklamati ;*

*3. Konsegwentement ukoll tirrevoka t-titolu esekuttiv ottenut mill-Kummissarju intimat fil-konfront tar-rikorrent u tqisu bhala wiehed li m`ghadux fis-sehh ai fini u effetti tal-ligi ;*

*4. Tiddikjara wkoll illi l-Kummissarju intimat huwa prekluz milli jghaddi ghall-esekuzzjoni tat-titoli ezekuttivi minnu vvantati kif indikat fiz-zewg ittri ufficjali suriferiti datati t-tnejn 17 ta` Novembru 2009 kontra r-rikorrenti u dana pendenti l-ezitu finali u definittiv tal-proceduri odjerni.*

*Bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li minn issa hu u r-rappresentanti tieghu huma ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mir-rikorrent flimkien mad-dokumenti li kienu annessi.

Rat ir-risposta guramentata ta` l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjudipprezentata fil-25 ta` Marzu 2010 li taqra hekk –

*1. Illi l-azzjoni proposta mir-rikorrent hija rritwali u konsegwentement improponibbli u dana stante illi dak li effettivament qieghed jaghmel ir-rikorrent huwa li jikkontesta l-ammont pretiz mill-intimat (vide paragrafu 3 u 4 tal-premessi u l-ewwel talba tar-rikors promotur). Umilment jigi rilevat illi l-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta` Malta jikkontempla u jistipula b`mod specifiku l-procedura li*

*ghandha tigi segwita sabiex ammont dovut, jew stabbilit li huwa dovut, jigi kontestat. Izda certament li l-procedura odjerna ma hijiex dik idoneja sabiex issir kontestazzjoni tal-ammont pretiz mill-intimat u ghalhekk hija rritwali u nproponibbli.*

*2. Illi gialadarba l-ammont pretiz mill-intimat ma giex debitament kontestat skond dak kontemplat fil-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta` Malta u/jew kull kontestazzjoni maghmula mir-rikorrent skond l-istess procedura ghaddiet in gudikat, it-talba tal-intimat ghall-hlas tal-ammonti indikati tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 59(1) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta` Malta u liema titolu huwa ezegwibbli wara d-dekors ta` jumejn mid-data tan-notifika ta` ittra ufficjali li tinterpella ghall-hlas u dana ai termini tal-Artikolu 59(2) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta` Malta. Illi ghalhekk fil-kaz odjern r-rikorrent ma ghandu ebda jedd li jopponi ghall-ammont pretiz mill-intimat u wisq anqas ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekutiv tal-intimat ottenut skond il-ligi.*

*3. Illi jigi rilevat illi dina l-Onorabbli Qorti ma hijiex adita bil-gurisdizzjoni li tirrevedi l-ammonti mitluba mill-intimat rapprezentanti t-taxxa fuq il-valur mizjud, multi amministrattivi u/jew imghax. Din il-kompetenza hija moghtija lil bord/tribunal specjali mahtur bil-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta` Malta u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti, bhala Qorti ta` Gurisdizzjoni Ordinarja, hija zvestita mill-gurisdizzjoni li tittratta l-lanjanzi tar-rikorrent u dan bis-sahha ta` ligi specjali.*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat illi fil-mertu t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza..*

*5. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri u permessi mil-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-intimat.

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta` Gunju 2010, id-difensur tar-rikorrent irrileva li l-unika prova li kellu fil-kawza kienet il-prova tal-kontabilita` tal-VAT number in kwistjoni u xi dokumenti. Wara jaghlaq il-provi tieghu. Id-difensur tal-intimat oppona ruhu peress li l-prova li ried jaghmel ir-rikorrent kienet irrilevanti ghall-fini tal-kontestazzjoni tat-titolu ezekuttiv billi ladarba l-kontestazzjoni tar-rikorrent kienet dwar il-likwidazzjoni u ladarba wara li hareg l-avviz ghall-hlas ir-rikorrent ma nqedix bil-procedura tal-appell li taghtih il-ligi ma setax issa jikkontesta t-titolu ezekuttiv b'kontestazzjoni tal-likwidazzjoni. Altrimenti kien ikun qed jirrikorri ghal abbuz tas-sistema. Ghal din l-oggezzjoni, ir-rikorrent wiegeb billi sostna l-posizzjoni tieghu ghax skond ir-rikorrent il-kodici tal-procedura ma kienx jimpedieh milli jintraprendi l-procedura odjerna.

Rat il-provvediment taghha tat-30 ta` Settembru 2010 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, cahdet it-talba tar-rikorrent sabiex iressaq provi kif minnu rikjest u halliet il-kawza ghall-udjenza tas-7 ta` Ottubru 2010 fid-9.00 a.m. ghat-trattazzjoni finali bl-intiza li wara dik l-udjenza, il-kawza tithalla ghas-sentenza.

Rat id-digriet taghha tat-18 ta` Novembru 2010 fejn tat permess lir-rikorrent sabiex jappella mill-provvediment taghha tat-30 ta` Settembru 2010.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta` Gunju 2011 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, cahdet l-appell tar-rikorrent, ikkonfermat d-decizjoni ta` din il-Qorti tat-30 ta` Settembru 2011, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent, u rrinvjat l-atti lil din il-Qorti sabiex tkompli tisma` u tiddeciedi l-kaz skond il-ligi.

Rat illi fl-udjenza tal-udjenza tal-21 ta` Novembru 2011, din il-Qorti kienet infurmata illi fl-10 ta` Novembru 2011 kien sar inkontru bejn il-partijiet u d-difensuri taghhom fid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fejn ir-rikorrent u d-difensur tieghu raw il-file relattiv ghall-kwistjoni li r-rikorrent kellu mad-Dipartiment. Waqt l-istess udjenza, id-difensur tar-rikorrent irrileva li t-titolu ezekuttiv tal-Kummissarju kien kontestat mill-bidu nett u, skond l-istess difensur, l-inkontru tal-10 ta` Novembru 2011 ikkonferma l-fondatezza tal-istanza tarr-rikorrent, partikolarment fejn si tratta ta` notifika ta` atti. Id-difensur tal-intimat ikkontesta l-allegazzjoni tal-kontroparti fis-sens illi n-notifiki saru kollha fil-post registrat u jekk xi hadd mhux ben identifikat iffirma ghar-rikorrent minghajr jew bl-awtorizzazzjoni tieghu dik kienet materja li kienet tispetta lilu bhala prova u li ghaliha huwa biss kien responsabbli. Fl-istess udjenza, din il-Qorti pprovdiet illi fl-udjenza tad-19 ta` Jannar 2012 kellhom jitressqu provi limitatament u strettament dwar il-kwistjoni sollevata mir-rikorrent.

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta` Jannar 2011 sar skambju ta` verbali bejn id-difensuri tal-partijiet. L-intimat talab ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet ta` din il-Qorti tal-21 ta` Novembru 2011 u talab illi l-kawza tithalla ghas-sentenza. Il-Qorti halliet il-kawza ghall-20 ta` Frar 2012 sabiex taghti provediment fil-miftuh dwar it-talba tal-intimat.

Rat il-provvediment taghha tal-20 ta` Frar 2012 fejn laqghet it-talba tal-intimat, irrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tal-21 ta` Novembru 2011, iddikjarat maghluq l-istadju tal-gbir tal-provi tal-partijiet abbazi tal-kawzali u t-talbiet kif dedotti fir-rikors promotorju, u halliet il-kawza ghat-trattazzjoni finali ghall-udjenza tas-17 ta` April 2012.

Rat ir-rikors tal-24 ta` Frar 2012 fejn ir-rikorrent talab illi jinghata permess specjali biex jinterponi appell skond l-

Art.229(3) tal-Kap.12, talba li kienet opposta mill-intimat permezz tar-risposta tieghu tal-20 ta` Marzu 2012.

Rat id-digriet taghha moghti fil-miftuh fl-udjenza tal-25 ta` April 2012 fejn cahdet it-talba tar-rikorrent sabiex jappella mill-provediment taghha tal-20 ta` Frar 2012 qabel tinghata s-sentenza definittiva.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar mid-difensur tal-intimat.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. Risultanzi

Jirrizulta illi z-zewg ittri ufficjali tas-17 ta` Novembru 2009 li l-intimat ipprezenta kontra r-rikorrent, u li kienu debitament notifikati lilu skond il-ligi, kopja ta` liema atti (inkluzi r-referti) kienu esebiti mir-rikorrent stess, kienu prezentati mill-intimat in kwantu ghall-att a fol 5 a tenur tal-Att XXIII tal-1998 (Kap.406) u in kwantu ghall-att a fol 6 a tenur tal-Att XII tal-1994.

Dan mhux kontestat mir-rikorrent.

Ghalkemm l-Att XII tal-1994 kien revokat bl-Att XXIII tal-1998, il-legislatur kien dahhal disposizzjoni transitorja

fl-Art.85(2) tal-Kap.406 li bis-sahha taghha setghet tigi presentata l-ittra ufficjali a fol 6.

Ghall-fini ta` l-gudizzju tal-lum, id-disposizzjoni rilevanti hija l-Art.59 tal-Att XXIII tal-1998, li taht l-Att XII tal-1994, kienet l-Art.48. Iz-zewg disposizzjonijiet ghandhom l-istess test.

**L-Art.59 tal-Kap.406** jaqra hekk –

.

*(1) Avviz mahrug mill-Kummissarju li juri ammont ta` taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna ghandu jkun xhieda bizzejjed, kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u ghalhekk jikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-kuntest u ghall-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*(2) Il-Kummissarju jista` jitlob il-hlas ta` kull taxxa u penali amministrattiva li ghandha tithallas minn persuna skond dan l-Att bil-mezz ta` nota ta` talba ghall-hlas, u jekk il-hlas mitlub ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta` talba ghall-hlas tkun giet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista` jghaddi biex jigbor dak il-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn min-notifika lil dik il-persuna ta` talba ghall-hlas li ssir permezz ta` att gudizzjarju.*

*(3) Id-disposizzjonijiet ta` l-artikolu 468 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili ghandhom japplikaw dwar kull mandat mahrug bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi f`dan l-artikolu u ghall-izbank ta' kull flus li jingabru mill-bejgh fl-irkant tal-proprjetà maqbuda, u ebda oppozizzjoni jew rizerva fic-cedla ta` depozitu ma ghandha twaqqaf il-hlas ta` xi somma li tkun depozitata fil-qorti wara li jkun sar dak il-mandat kif imsemmi qabel.*

L-ewwel u t-tieni subincizi huma rilevanti ghall-kwistjoni tal-lum.

Skond l-ewwel subinciz tal-Art.59, fil-mument illi johrog l-avviz li juri l-ammont ta` taxxa u penali amministrattiva dovuti mill-persuna koncernata, dak l-avviz ikun jikkostitwixxi titolu ezekuttiv. Minn kliem il-ligi stess, huwa evidenti illi l-prova tal-kontenut tal-avviz hija *juris et de jure.*

Fir-rikors guramentat, ir-rikorrent mhux ighid illi l-intimat qatt ma hareg l-avviz li ghalih jirreferi l-ewwel subinciz tal-Art.59.

Lanqas ma r-rikorrent ighid illi l-intimat ma talbux ihallas l-ammonti dovuti, kif ighid it-tieni subinciz tal-Art.59, u dan bl-ispedizzjoni ta` nota b`talba ghall-hlas.

Ir-rikorrent mhuwiex ighid illi ma rceviex in-nota bit-talba ghall-hlas.

Certament mhux kontestat illi r-rikorrent baqa` ma hallasx l-ammonti dovuti.

Ghax baqa` inadempjenti, l-intimat ipprezenta z-zewg ittri ufficjali fuq riferiti skond it-tieni subinciz tal-Art.59.

Ladarba r-rikorrent kien notifikat biz-zewg ittri ufficjali, kif huwa stess jaccetta, u baqa` nadempjenti fit-terminu ta` jumejn min-notifika tal-atti, iz-zewg titoli ezekuttivi kienu resi ezegwibbli *ope legis*. Jirrizulta illi z-

zewg atti kienu notifikati lir-rikorrent fl-20 ta` Novembru 2011.

Ghalhekk din il-Qorti tghid illi ma ghandha l-ebda siwi ghall-fini tat-twettieq ta` l-procedura skond l-Art.59 il-presentata u notifika tal-ittra ufficjali tar-rikorrent tat-8 ta` Jannar 2010 (fol 4).

Daqstant iehor ma ghandhom l-ebda siwi, fl-ambitu tal-istess la l-azzjoni tar-rikorrent kif dedotta, u wisq anqas il-kawzali taghha, u cioe` il-pretensjoni tar-rikorrent illi l-ammonti msemmija fl-atti gudizzjarji tal-intimati ma kienux dovuti.

Jekk ir-rikorrent kien tal-fehma illi l-ammonti pretizi minnu ma kienux dovuti, **ma kellux** jirregistra l-opposizzjoni tieghu **wara** li t-titoli ezekuttivi kienu diga` resi ezegwibbli. Il-kawza tal-lum ma tistax isservi lir-rikorrent bhala pretest sabiex jiskansa l-eventwali presentata ta` mandati ezekuttivi kontrih.

Jirrizulta kjarament illi r-rikorrent kien ghal kollox inadempjenti fl-istadji kollha tat-twettieq mill-intimat ta` l-procedura skond l-Art.59 tal-Kap.406 u ghalhekk it-talbiet tieghu mhumiex legalment sostenibbli.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt illi qeghda tilqa` l-eccezzjonijiet tal-intimat, qeghda tichad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez kollha ta` din il-kawza jibqghu a kariku tar-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------